RIZOLUZZJONI

230 ~~229~~

Pjani ghall-Izvilupp tal-Bini ghal Arei ghall-Izvilupp tal-Bini

Il-Ministru tax-Xoghlijiet u Djar jipproponi din ir-Rizoluzzjoni:-

Billi huwa mahsub fl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini illi meta l-Ministru responsabbli ghax-Xoghlijiet b'ordni ppubblikat fil-Gazzetta jiddikjara li art akkwistata mill-Gvern taht id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-istess Att ghandha tigi trasferita ghall-izvilupp, dak it-trasferiment m'ghandux isir kemm-il darba dwar dik l-art ma jkunx sar Pjan ghall-Izvilupp tal-Bini mill-imsemmi Ministru u dak il-Pjan ghall-Izvilupp tal-Bini ma jkunx gie approvat b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

U billi l-Ministru tax-Xoghlijiet u Djar iddikjara illi l-artijiet murija fil-pjanti annessi ma' din ir-rizoluzzjoni huma Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, u l-Kamra tad-Deputati b'rizoluzzjoni addottat dik id-dikjarazzjoni;

U billi l-Pjani ghall-Izvilupp tal-Bini li qed jigu proposti ghall-approvazzjoni tal-Kamra ghal dawk l-Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, huma dawk murija fil-pjanti annessi ma' din ir-rizoluzzjoni; liema pjanti ghandhom jifformaw parti ntegrali minn din ir-rizoluzzjoni.

Ghalhekk huwa b'dan rizolut li l-Kamra tad-Deputati tapprova l-Pjani ghall-Izvilupp tal-Bini murija fil-pjanti hawn annessi ghal finijiet u effetti kollha tal-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini.

LORRY SANT
MINISTRU TAX-XOGHLIJIET U DJAR
31.5.85

**Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Djar, l-Onor. Lorry Sant, ressaq din l-emenda "A":**

1. Minflok il-kliem "u l-Kamra tad-Deputati b'riżoluzzjoni adottat dik id-dikjarazzjoni;" għandhom jidħlu l-kliem "u l-Kamra tad-Deputati b'riżoluzzjoni approvat dik id-dikjarazzjoni fir-rigward tal-Artijiet imsemmija hawn taħt:

MALTA

| | | |
|---|---|---|
| a) Limiti ta' Ħad-Dingli | - | (Ix-Xagħra l-Kbira, Tal-Veċċa) |
| b) Limiti ta' Ħal Għaxaq | - | (Tal-Wilġa) |
| c) Limiti tal-Kalkara | - | (Tal-Kappuċċini) |
| d) Limiti tal-Imġarr | - | (L-Iskorba) |
| e) Limiti tal-Mosta | - | (Tal-Blata l-Għolja) |
| f) Limiti ta' St Andrews | - | (Il-Madliena) |
| g) Limiti ta' San Ġorġ | - | (Pembroke) |
| h) Limiti ta' Selmun | - | (Tal-Braġ) |
| i) Limiti tax-Xemxija | - | (Tal-Kortin) |
| j) Limiti taż-Żurrieq | - | (Tal-Ġibjun) |

GĦAWDEX

| | | |
|---|---|---|
| k) Limiti tax-Xewkija | - | (Ta' Lambert)"; u |

2. Minflok il-kliem "għal dawk l-Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, huma dawk murija fil-pjanti" għandhom jidħlu l-kliem "għal dawk l-Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, imsemmija fir-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, huma murija fil-pjanti"; u

3. Minflok il-kliem "tapprova l-Pjani għall-Iżvilupp tal-Bini murija fil-pjanti" għandhom jidħlu l-kliem "tapprova l-Pjani għall-Iżvilupp tal-Bini għal Arei għall-Iżvilupp tal-Bini hawn fuq imsemmija, murija fil-pjani.".

**L-Emenda "A" għaddiet fis-Seduta nru 258 tat-18 ta' Ġunju 1985.**

**Il-mozzjoni 230 kif emendata, għaddiet nem.con fis-Seduta nru 258 tat-18 ta' Ġunju 1985.**